# Beati u Qaddisin....Settembru

## Santa Rosalia

4ta' Settembru

Fil-belt ta' Palermo, gewwa Sqallija, hemm devozzjoni kbira lejn din il-qaddisa Santa Rosalia. Twieldet gewwa Palermo fis-seklu XII u skont xi kotba liturgici antiki mietet fis-sena 1160 meta kienet ghadha zaghzugha, ta' 35 sena.



Nicolás Rodríguez Juárez, S. Rosalia stringe Gesù Bambino tra le braccia, 1725 circa

Jinghad li kienet it-tifla tad-Duca Sinibaldo mizzeweg lil Marija Guiscarda, kugina tar-re Normann Ruggero II. Sa minn eta zaghzugha hija marret fil-qorti tar-regina Margerita, il-mara ta' Guliermu I ta' Sqallija. Is-sbuhija taghha attirat hafna zaghzagh ohra lejha, izda l-aktar wiehed li ngibed lejha kien Baldovino il-futur re ta' Gerusalemm. Kien f'dan iz-zmien li ghexet Rosalia meta n-Normanni keccew lil Arab minn Sqallija, li kienu jahkmu bejn is-snin 827 u 1072. F'din il-era l-kristjanezmu ha spinta 'l quddiem u Rosalia hasset fiha l-vokazzjoni li tmur eremita biex timxi 'l quddiem fil-hajja spiritwali. Hija halliet il-hajja ta' lussu u komda biex marret tghix

gewwa ghar qrib kunvent benedittin, ma' l-20 kilometru 'l boghod minn Palermo, halli hija seta' jkollha direzzjoni spiritwali u anke setghet tattendi funzjonijiet religjuzi.

Wara talb u penitenza hija ghazlet li tmur tghix gewwa grotta ohra fuq l-Gholja Pellegrino hdejn knisja zghira bizantina u bir li sal-lum ghadu ezistenti.

Il-patrijiet benedittini kienu xiehda li hajjitha kienet sensiela ta' talb u penitenzi. Hafna palermitani kienu jitilghu l-gholja biex minnha jiehdu pariri u konforti spiritwali.

Skond it-tradizzjoni hija mietet fl-4 ta' Settembru tas-sena 1160. Id-devozzjoni lejha maljar qabdet l-gheruq ghaliex imbnew knejjes ad unur taghha, xterdu bosta xbihat taghha fost il-poplu u anke sahansitra ssemmew zoni ghaliha.

Maz-zmien il-kult lejha beda' jonqos tant li anqas bdiet tkun invokata aktar fil-litanija tal-qaddisin patruni ta' Palermo. Dan dam ghal bosta u bosta snin sakemm fis-26 ta' Mejju tas-sena 1624 Girolama Gatto li kienet waslet fl-ahhar ta' hajjitha rat f'holma tfajla liebsa l-abjad li weghditha l-fejqan jekk taghmel weghda li titla' fuq l-Gholja Pellegrino u hemm trodd il-hajr.

Il-mara flimkien ma' zewg nisa ohra hbiebha, ghalkemm ghadha marida, telghet fuq il-Gholja Pellegrino, xorbot mill-ilma tal-grotta u hassitha li fieqet. F'telqa li qabditha hija lemhet mill-gdid it-tfajla liebsa l-abjad li ndikatilha l-post fejn kienet midfuna.

Gew infurmati l-frangiskani tal-kunvent vicin li zmien qabel ittentaw li jfittxu fejn kienet midfuna Rosalia. Ghal din l-ahbar regghu bdew ifittxu mill-gdid mghejjuna minn tlett fidili ohra sakemm fis-sena 1624, 15 ta' Lulju, sabu l-qabar taghha.

Il-fdalijiet tal-qabar ittiehdu fil-kappella privata ta' l-arcisqof ta' Palermo, Mons Giannettino Doria, li hatar kummissjoni biex tezamina l-fdalijiet. Il-kummissjoni ma waslet ghal ebda konkluzjoni ghaliex il-fdalijiet ma jidhirx li kienu jappartienu lil persuna femminili.

Sadanitant il-kardinal mahkum minn nuqqas ta' konvinzjoni hatar kummissjoni ohra, imma fil-frattemp Palermo nhakmet mill-pesta fis-sena 1624 li qaltlet hafna nies.

Il-kardinal gabar mieghu lill-poplu u l-awtorita u flimkien weghdu lill-Madonna li huma kienu ser jiddefendu l-privilegg ta' l-Immakulat Koncepiment, li f'dawk iz-zminijiet kien argument kontrastanti fil-knisja u fl-istess hin jiddikjaraw lil Rosalia bhala l-Patruna specjali ta' Palermo, billi jaghtu l-qima taghhom lir-relikwiji taghha meta dawn jinstabu jew jintgharfu.

Gara li zewg bennejja palermitani li kienu qed jahdmu fil-kunvent tad-Dumnikani sabu gewwa grotta ta' Quiquinia, fil-25 ta' April tas-sena 1624, iskrizzjoni miktuba minna stess meta kienet tghix f'dak l-ewwel ghar taghha qabel ma marret fuq l-Gholja Pellegrino li kienet tghid li " Rosalia kienet tghix hemmhekk ghal imhabba tal-Mulej, Gesu' Kristu tieghi."

It-tieni kummissjoni ezaminat mill-gdid il-fdalijiet u sabet li kienu ta' mara. Maghha qablet ukoll l-ewwel kummissjoni li issorveljat ir-rizultati tat-tieni kummissjoni.

Ma' dan sehhet grajja fejn Vincenzo Bonelli, ma ddenuzjax il-fatt li martu kienet mietet bil-pesta. Bil-biza' harab lejn Monte Pellegrino fejn dehritlu l-qaddisa u habbritlu li hu kien ser jittiehed mill-marda tal-pesta u li jekk ried ghajnuna ghar-ruhu kellu jmur jghid lill-kardinal biex ma jiddubitax aktar mir-relikwi taghha u li dawn kellhom jittiehdu fi processjoni fil-belt. Hekk biss setghet issalva Palermo mill-pesta.

Meta rritorna lura fil-belt, tassew li marad bil-pesta u ftit qabel ma miet talab li jistqarr dak li gie rivlat lilu fuq l-Gholja Pellegrino.

Meta fid-9 ta' Lulju 1625 saret il-purcissjoni bir-relikwija ta' San Rosalija l-mard beda jcedi u gimgha wara meta sar l-pellegrinagg lejn Monte Pellegrino, anniversarju ta' meta nstabu r-relikwiji, il-pesta ghebet.

Il-kardinal bena artal kbir fil-katidral ta' Palermo biex fih iqieghed ir-relikwiji tal-qaddisa. Minn dak iz-zmien il-kult rega' ha hajja attiva hafna. Il-belt ta' Palermo tonora lil Patruna tieghu b'zewg festi wahda f'Lulju u l-ohra f'Settembu